KUNSILL LOKALI SANTA VENERA
Kumpless Umberto Calosso
Triq il-Kbira San Ġużepp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
E-Mail: santavenera.lc@gov.mt
Web page: http://www.stvenera.gov.mt

5/17 TT

**Minuti tat-tieni tkomplija tal-ħames laqgħa tas-sbatax–il sena tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar it-Tlieta 13 ta' April 2010, fis-6pm.**

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sinjura Elizabeth Vella - | Sindku |
| | Is-Sur Horace J Anastasi - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Stephen Sultana - | Kunsillier |
| | Is-Sur Carmel Camilleri - | Kunsillier |
| | Is-Sur Edwin Formosa - | Kunsillier |
| | Is-Sur Joseph Cassar - | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat: | Is-Sur Cleaven Christian Bugeja- | Kunsillier |
| | Is-Sur Ronald Briffa - | Kunsillier |

1.0 <u>Item 3: Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti (kontinwazzjoni)</u>

1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li irċieva email mingħand is-Sinjuri Bugeja u Briffa li kienu se jkun indispost għal din il-parti tal-laqgħa u allura huma skużati.

*Mill-minuti tad-9 ta' Marzu 2010*

1.2 Minuta 6.1.2: Il-Kunsill innota li avolja il-ħlas sar bill-quddiem, ix-xogħol għadu ma sarx. Il-Kunsill qabel li kemm jista jkun ma jitħallsux pagamenti bill-quddiem, għajr depositi, sabiex ikunu evitati sitwazzjonijiet simili.

1.3 Minuta 10.3: Il-Kunsill innota li avolja l-uffiċċju tal-Kunsill jiġri wara x-xogħol mhux lest u wara r-risposti, iħoss li mhux qed inkunu stmati biżżejjed mill-entitajiet u mill-kuntratturi. Saret riferenza diretta fuq il-lampa ta' Triq it-Turretta li ilha ordnata żmien.

1.4 Minuta 11: Fuq mistoqsija tas-Sur Sultana, is-Sindku qalet li min tefa l-kwotazzjoni se jissejjaħ fil-laqgħa li jmiss.

*Mill-minuti tas-16 ta' Marzu 2010*

1.5 Minuta 1.5: Is-Sur Camilleri kompla fuq dak li kien qed jingħad aktar kmieni. Qal li hu rraporta kaxxi tal-ħaxix fuq il-bankina maħruġa minn Grocer fi Triq Ġuże' Pace k/m Triq il-Lunzjata peress li kienu ta' ostaklu. Qal li l-Pulizija kienet żbaljata meta rrapurtatat lura li persuna bil-mixi tista tghaddi. Qal ukoll li b'nofs metru bankina persuna b'diżabilita li tuża s-siġġu tar-roti jew tfal żgħar li jużaw il-pushchairs ma jistgħux jgħaddu. Is-Sur Formosa qal li l-kaxxi huma skond il-permess. Is-Sur Camilleri lest jiltaqa mall-Pulizija. Il-Kunsill ġibed l-attenzjoni dwar każijiet oħra simili fi Triq il-Parroċċa (grocer tal-kantuniera) u fi Triq il-Kbira San Ġużepp (tal-antikitajiet) u qabel li jiktbilhom ittra.

1.6 Minuta 1.7: Is-Sur Anastasi qal li t-tabelli jew ma sarux jew ma sarux tajjeb. Il-Kunsill qabel li jiċċekkja.

1.7 Minuta 1.8: Is-Sur Anastasi qal li jonqos li jsiru żewġ kaxxi bojod oħra – quddiem l-ewwel garaxx abjad u ż-żewġ uffiċini ta' ħdejhom (Vella u Abela). Is-Sindku qalet li quddiem garaxx number 3 terġa ssiru kaxxa safra peress li skond dokument tal-MEPA dan hu garaxx. Il-Kunsill qabel.

1.8 Minuta 1.12: Wara li l-Kunsill innota li l-Pulizija jistgħu biss qabel il-5pm, qabel li jsir tentattiv għal xi darba s-SIbt filgħodu.

1.9 Minuta 2.1: Is-Sindku poġġiet fuq il-mejda tal-kamra dokumenti li juru li l-kontijiet ingħalqu, kopja tac-cheque ta' €100 li intbagħat lill-Community Chest Fund, kopja ta' dikjarazzjoni mill-Kappillan u kopja ta' ittra fejn flimkien mall-Kappillan kienet talbet għall-istatements.

1.10 Minuta 2.2: Is-Sur Sultana qal li l-iskart separat qed jiġi mgħaffeġ mit-trakk li qed jiġbru. Qal ukoll li jispera li mhux qed jiġi imħallat mal-iskart domestiku. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li se jiċċekkja mall-Greenpak.

1.11 Minuta 2.6: Is-Sindku qalet li d-dati tal-attivita inbiddlu u saru bejn it-28 t t-30 ta' Mejju 2010. Appena l-programm ikun finalizzat, dan jitqassam lill-Kunsilliera.

1.12 Minuta 2.8: Is-Sindku qalet li l-garanzija bankarja tal-BOV kienet marbuta mar-restawr tal-Akwidott li laħaq sar mill-Gvern ċentrali b'kollaborazzjoni mall-Kunsill u/jew fuq l-arkata li qed titqies li diffiċli ħafna tinbena mill-ġdid. Qalet li f'dan i-dawl, il-MEPA tista tirrilaxxa l-imsemmija garanzija. Il-Kunsill qabel li jiffissa appuntament urġenti mal-BOV ħalli jekk hu l-każ, il-flus allokati jmorru fuq proġett ieħor fosthom Ġnien Romeo Romano. Qabel ukoll li bl-istess proġett, il-Kunsill japplika għad-devoluzzjoni tal-istess ġnien.

Is-Sur Sultana qal li filwaqt li jaqbel mad-deċiżjoni tal-Kunsill appena meħuda, jaqbel ukoll li għandu jingħata soljev lil dawk il-familji tal-akwata tal-BOV li sofrew danni matul il-kostruzzjoni tal-bini tal-BOV.

1.13 Minuta 2.11: Is-Sindku qalet li l-kuntratt tal-Contract's Manager jaqra li hu għal tlett snin u li jagħlaq f'Novembru 2010.

*Mill-minuti tad-29 ta' Marzu 2010*

1.14 Minuta 2.1: Is-Sindku wieġbet għad-domandi kollha bil-miktub li sarulha aktar kmieni (dokument anness).

Fuq il-files nieqsa, il-Kunsill qabel li jirraporta formalment lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Fuq l-isponsors, is-Sindku qalet li f'dawn il-ġranet daħal wieħed ta' €2,000 mingħand Magnet Ltd u allura jonqos jasal ieħor ta' €1,000. Fuq il-vandaliżmu, il-Kunsill qabel li jikteb lill-Kummissarju tal-Pulizija b'kopja lill-Ministru għad-dewmien tar-riżultat tal-investigazzjoni minnaħa tal-Pulizija. Filwaqt li għar-rigward tal-kurduna, il-Kunsill qabel li jivverifika mad-deċiżjoni oriġinali tal-Kunsill.

1.15 Minuta 2.2: Fuq mistoqsija tas-Sur Sultana, is-Sindku qalet li cds se jingħataw lill-Pulizija f'dawn il-ġranet.

1.16 Minuta 3.4: Fuq mistoqsija tas-Sur Anastasi, is-Segretarju Eżekuttiv qal li għandu jiċċekkja mad-Dipartiment dwar dan.

**2.0 <u>Item 4: Korrispondenza</u>**

2.1 Il-Kunsill tratta din il-korrospondenza:

2.1.1 Memo 50/2010. Il-Kusnill qabel li jirrispondi Nil Returns.

2.1.2 Rita Mifsud re: Żjara fi Ġnien Romeo Romano. Il-Kunsill ma sab ebda oġġezzjoni u qed jitlob lill-ħaddiema jirranġaw il-bankijiet li ġew vandalizzati.

2.1.3 26th July Fireworks re: Eurovision Triq il-Kbira San Ġużepp. Il-Kunsill ma qabilx għax il-Kunsill se jorganizza xi ħaġa simili fi Ġnien Romeo Romano. Is-Sur Sultana astjena.

2.1.4 TM re: Un/loading bay Triq Misraħ il-Barrieri. Il-Kunsill qabel li jinkludi din fil-laqgħa fuq is-sit li se ssir f'dawn il-ġranet.

2.1.5 Camray re: Skip Triq Dun Xand Cortis għal xagħrejn. Il-Kunsill qabel li joħroġ permess kull ġimgħa (mit-Tnejn sas-Sibt) għal perjodu kemm hemm bżonn.

2.1.6 Francis Fabri re proposta. Il-Kunsill qabel. Qabel ukoll li s-Sindku u s-Sur Camilleri jiltaqgħu mas-Sur Fabri biex jingħataw aktar dettalji.

2.1.7 Kunsill Lokali Pembroke re: Konferenza ECAD. Il-Kunsill ma qabilx.

2.1.8 Is-Sindku qalet li l-Kunsill irċieva €466 f'għajnuna għal-librerija li minnhom hemm €230 f'vouchers biex jinxtraw kotba għal-librerija. Il-Kunsill qabel li tinkiteb ittra lis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Edukazzjoni sabiex terġa tinferaħ il-librerija fil-post fejn kienet.

3.0 Item 5: Rapporti

3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li aktar kmieni kien bagħtilhom ir-rapport tal-Contracts Manager għax-xahar ta' Frar 2010.

3.2 Is-Sur Camilleri talab is-sospensjoni tar-regolamenti sabiex il-Kunsill jitratta l-mozzjoni imressqa peress li xtaq ikun skużat għall-kumplament tal-laqgħa. Is-Sindku oġġezzjonat.

4.0 Item 6: Skeda ta' pagamenti (approvazzjoni)

4.1 L-iskeda għal *cheque payments* (10 ta' Marzu 2010 sa 6 ta' April 2010) tqassmet lill-Kunsilliera kollha u ġiet approvata minbarra cheque 4485 PV 125/10 peress li skond is-Sur Sultana dan ma kienx approvat mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jivverifika mall-minuti. L-iskeda ġiet iffirmata mis-Sinjuri Sultana u Formosa.

4.2 Tqassmet ukoll *schedule of receipts* (5 ta' Marzu sa 22 ta' Marzu 2010).

4.3 Is-Sur Camilleri reġa talab is-sospensjoni sabiex il-Kunsill jitratta l-mozzjoni imressqa peress li xtaq ikun skużat għall-kumplament tal-laqgħa. Din id-darba l-Kunsill ma sab ebda oġġezzjoni.

5.0 Item 8: Mozzjonijiet

5.1 Is-Sur Anastasi issekonda l-mozzjoni. Is-Sur Camilleri qara l-mozzjoni tiegħu u għamel introduzzjoni qasira. Is-Sur Anastasi qal li l-MC bays jservu tajjeb bħala gwida. Is-Sur Sultana qal li ftit xhur ilu dawn tneħħew fuq deċiżjoni tal-Kunsill u għal dan intnefqet somma flus. Għalhekk hu qal talab li l-vot ikun pospost wara li jkollu rendikont tal-ispiża li saret. Il-Kunsill qabel. Is-Sindku qalet li l-MC bays ma kienux koperti bil-permess tat-TM.

5.2 F'dan l-istadju (8:40pm) is-Sur Camilleri talab li jkun skużat għall-kumplament tal-laqgħa.

6.0 Item 7: Ilmenti

6.1 Il-Kunsill tratta dawn l-ilmenti

6.1.1 (240): Il-Kunsill qabel li tinħareġ works order lil Mario Mallia.
6.1.2 (241): Il-Kunsill qabel li tinħareġ works order lil B.Grima & Sons Ltd.
6.1.3 (242): Il-Kunsill qabel li jitratta dan l-ilment permezz tal-ħaddiema assenjati.
6.1.4 (243): Il-Kunsill qabel li tinħareġ works order lil Mario Mallia.
6.1.5 (244): Il-Kunsill ma qabilx.
6.1.6 (245): Il-Kunsill qabel li tinħareġ works order lil B.Grima & Sons Ltd.
6.1.7 (246): Il-Kunsill qabel li jikteb.
6.1.8 (247): Il-Kunsill qabel li jħalli dan l-ilment pendenti sa laqgħa oħra.
6.1.9 (248): Il-Kunsill qabel li tinħareġ works order lil B.Grima & Sons Ltd.
6.1.10 (249): Il-Kunsill ma qabilx.
6.1.11 (250): Il-Kunsill qabel li tinħareġ works order lil B.Grima & Sons Ltd.

6.1.12 (251): Il-Kunsill qabel li tinħareġ works order lil Wilson Mifsud jdejjem ekk mhux privata.
6.1.13 (252): Il-Kunsill qabel li tinħareġ works order lil B.Grima & Sons Ltd.

## 7.0 Item 9: Aġġornament

7.1 Is-Sur Anastasi talab li jitkellem dwar l-inċident li kellu mas-Sinjura Medati. Is-Sindku aċċettat li titkellem fuq dan il-każ fil-laqgħa li ġejja.

7.2 Il-laqgħa intemmet fid-8:53pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 27 ta' April 2010 fis-6pm b'aġenda tkun komunikata aktar tard.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Cassar | Ikkonfermati | Elizabeth Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | 27 ta' April 2010 | Chairperson |